# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha 9 ta' Novembru, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**vs.**
**Lynsey Marie Harrington**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Lynsey Marie Harrington ta' 24 sena, bint Joseph u Monica nee' Fenech, imwielda Pieta' nhar il-25 ta' Mejju 1983, residenti gewwa 70/1, Archbishop Gonzi Square, Kalkara, detentrici tal-karta ta' identita' bin-numru 283583(M).

Akkuzata talli fit-12 ta' Ottubru 2007 ghal habta ta' xi 11.30pm waqt li kienet fi Triq il-Qalliet, M'Scala:

1. Ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq Rachel Barclay White, skond ma ccertifika it-tabib Dr Robert Portelli MD mic-Centru Tas-Sahha Rahal Gdid

2. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi kkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq Karen Mayho, skond ma ccetifika Dr Robert Portelli MD mic-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' Rachel Barclay White weggajtha bi kliem b'gest jew b'mod iehor u dan bi ksur ta' l-artikolu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebbejt ghal Rachel Barclay White u dan sabiex tingurjaha, iddejjaqha jew taghmillha hsara u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

5. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ghadt fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamilt atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali, offendew l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta

6. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi imbottajt lill imsemmija Racheal Barclay White u dan sabiex tweggahha jew tinsulentaha u dan bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

7. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ksirt il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied, jew b'mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Rachael Barclay White u tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat ir-rikors kongunt tas-27 ta' Gunju 2016 ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputata Lynsey Marie Harrington ai termini ta' l-Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn

iz-zewg rikorrenti konguntivament, filwaqt li ddikjaraw li qeghdin jaqblu fit-termini ta' l-Artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali, talbu lill-Qorti illi fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-akkuzata Lynsey Marie Harrington ghall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront taghha, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqha minn din il-Qorti ghandha tkun wahda ta' Ordni ta' Probation, fil-massimu taghha, u cioe' ghal perjodu ta' tliet (3) snin, ai termini ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tallum stess, din il-Qorti iddikjarat illi hija sodisfatta illi s-sanzjonijiet u mizuri mitluba fir-rikors huma tali li, jekk ikun hemm ammissjoni da parti tal-imputata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontriha, ikun legittimu illi hija timponi s-sanzjonijiet u mizuri miftiehma bejn l-Avukat Generali u l-imputata fir-rikors fuq imsemmi.

F'din l-istess seduta, din il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem car xi jkunu l-konsegwenzi tat-talba fir-rikors taghha u tal-Avukat Generali msemmi, u l-imputata ddikjarat li qed tifhem dawn il-konsegwenzi.

Sussegwentement fl-istess seduta, l-imputata rregistrat ammissjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-ammissjoni ta' l-imputata stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 216(1)(b), 221(1), 252(1), 339(1)(d) u (e), 338(bb), 342, 339(1)(1) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hatja taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet stretti li qed jigu mposti fuqha skond l-Ordni ta' Probation hawn annessa, u li ghandha tifforma parti ntegrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hatja bi kliem car jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk tonqos illi ssegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, hija tkun tista' tigi kkundannata ghar-reati li ghalihom giet maghmula din l-Ordni, u l-hatja esprimiet ir-rieda taghha li tikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Din il-Qorti tiddikjara li din is-sentenza qieghda tigi hekk moghtija fuq talba tal-partijiet ai termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Magistrat**

**Alan Zerafa**
**Deputat Registratur**



# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

### ORDNI TA' PROBATION
**(maghmul skond l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta)**

Illum, 9 ta' Novembru, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs.**

**Lynsey Marie Harrington**

Il-Qorti,

Billi Lynsey Marie Harrington (hawn taht imsejjah "probationer") giet misjuba hatja kif indikat fis-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija minn din il-Qorti llum stess, u giet impoggiha taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li ssir din l-Ordni ta' Probation;

U wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' din l-Ordni lill-probationer, inkluzi l-kundizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht, u li jekk tonqos li thares din l-Ordni

jew taghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' tlett snin mil-lum, tkun tista' tigi ikkundannata ghar-reati li ghalihom qeghda tigi maghmula din l-Ordni, u wara li nnutat li l-istess probationer wriet li trid thares il-kundizzjonijiet ta' din l-istess Ordni;

Tordna li l-probationer Lynsey Marie Harrington li toqghod 70/1, Archbishop Gonzi Square, Kalkara, detentrici tal-karta ta' l-identita numru 283583(M) u ghandha mobile phone bin-numru …………………..  ikun taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation ghal zmien ta' tlett snin mil-lum, u ghandu jhares ukoll il-kundizzjonijiet addizzjonali hawn taht imsemmija:

1. Li matul dan il-perijodu l-probationer iggib ruhha tajjeb u tghaddi hajja ta' bzulija;

2. Li toqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficjal tal-Probation li jistghu jinghatawlha minn zmien ghal zmien;

3. Li tibqa' f'kuntatt ma' l-Ufficjal tal-Probation skond l-istruzzjonijiet li tista' minn zmien ghal zmien tinghata mill-imsemmi Ufficjal, u li tattendi ghal-laqghat kollha li l-Ufficjal tal-Probation jiffissa/tiffissa minn zmien ghal zmien u taghti lill-istess Ufficjal kull informazzjoni li tigi mitluba lilha;

4. Li taghti lill-Ufficjal tal-Probation dawk il-*urine samples* li tista' minn zmien ghall-iehor tigi mitluba sabiex jigu analizzati ghall-prezenza o meno ta' sustanzi illegali;

5. Li tircievi zjarat ta' l-istess Ufficjal tal-Probation kemm fid-dar taghha kif ukoll fuq il-post tax-xoghol;

6. Li jekk tkun se tbiddel l-indirizz tar-residenza taghha jew in-numru tal-mobile taghha, taghti preavviz ta' almenu hmistax-il gurnata lill-Ufficjal tal-Probation tieghu, sakemm ma jkunx hemm ragunijiet li jiggustifikaw li l-probationer taghti preavviz iktar qasir;

7. Li tul iz-zmien tal-*probation* ma tkunx tista' ssiefer minn dawn il-Gzejjer minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti;

8. Li tibda u/jew tikkompleta l-programm ta' rijabilitazzjoni jew trattament iehor fi hdan wahda mill-agenziji li jahdmu kontra l-vizzju tad-droga minghajr interruzzjoni, kif jigi suggerit lilu mill-Ufficjal tal-Probation tieghu, u li tiehu kwalunkwe kura ohra, u tibda u

tkompli kwalunkwe programm ta' rijabilitazjoni jew trattament iehor li tigi indikat lilu mill-Ufficjal tal-Probation sabiex jgheleb il-vizzju tad-droga, u li joqghod ukoll ghad-direttivi kollha li jistghu jaghtuha il-persuni u/jew agenziji li tigi riferuta lilhom mill-Ufficjal tal-Probation;

9. Li tmur ghal dawk l-appuntamenti li jigu ffissati ma' professjonisti u li tikkonsulta mal-professjonisti kollha li jigu riferiti lilha mill-Ufficjal tal-Probation u li toqghod ghal kull istruzzjoni li dawn il-professjonisti jaghtuha.

L-Ufficjal tal-Probation ghandu/ghandha jgib/iggib a konjizzjoni tal-Qorti Kriminali, permezz ta' rikors ta' denunzja, il-ksur ta' dawn il-kondizzjonijiet jew xi wahda minnhom..

Tordna li kopja ta' din l-Ordni tigi minnufih konsenjata lill-probationer kif ukoll lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation skond is-subartikolu (8) ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446.

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

Firma tal-Probationer

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

Marse-Ann Farrugia

Magistrat

. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

Alan Zerafa

Deputat Registratur